MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1295/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Dughim Zydan**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u sebgha lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM407.47) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mob*isle* Communications Limited skond Client Contract Number 8631 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur ta' bejn Settembru 2002 u Novembru 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' April 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut wiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma erbgha mija u sebgha lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM407.47), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' April 2003 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------